IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 9.10.2020
COM(2020) 649 final

2020/0290 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tad-differenzi għall-Annessi 1, 3, 4, 6, il-Partijiet I, II u III, 10, Volumi I u II, 11, 14, Volumi I u II, 15 u 16, Volumi I, II u III, tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II, ta' dik il-Konvenzjoni, relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta tikkonċerna:

- il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar id-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati lill-ICAO fir-rigward tal-Emendi li ġejjin għall-Annessi tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali adottati mill-Kunsill tal-ICAO fil-219-il sessjoni tiegħu u ppubblikati bi:

– Ittra lill-Istati 20/19 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 176 għall-Anness 1

– Ittra lill-Istati 20/16 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 79 għall-Anness 3

– Ittra lill-Istati 20/23 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 61 għall-Anness 4

– Ittra lill-Istati 20/18 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 44 għall-Anness 6, il-Parti I

– Ittra lill-Istati 20/31 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 37 għall-Anness 6, il-Parti II

– Ittra lill-Istati 20/32 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 23 għall-Anness 6, il-Parti III

– Ittra lill-Istati 20/20 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum I

– Ittra lill-Istati 20/21 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum II

– Ittra lill-Istati 20/39 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 52 għall-Anness 11

– Ittra lill-Istati 20/35 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 15 għall-Anness 14, Volum I

– Ittra lill-Istati 20/22 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 9 għall-Anness 14, Volum II

– Ittra lill-Istati 20/24 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 41 għall-Anness 15

– Ittra lill-Istati 20/28 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 13 għall-Anness 16, Volum I

– Ittra lill-Istati 20/29 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 10 għall-Anness 16, Volum II

– Ittra lill-Istati 20/30 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 1 għall-Anness 16, Volum III

- il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-221 sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO għall-adozzjoni prevista tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR, cockpit voice recorder) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19;

– - il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni wara li l-ICAO tħabbar l-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II f'Ittra lill-Istati, li tistieden lill-Istati Membri biex jew jinnotifikaw id-diżapprovazzjoni tagħha, jinnotifikaw kwalunkwe differenza jew il-konformità tagħhom mal-miżura adottata.

2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

2.1. Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") għandha l-għan li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru. Il-Konvenzjoni ta' Chicago daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947 u stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma Partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

2.2. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hi aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti. L-għanijiet u l-objettivi tal-Organizzazzjoni huma li tiżviluppa l-prinċipji u t-tekniki tan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru u li trawwem l-ippjanar u l-iżvilupp tat-trasport internazzjonali bl-ajru.

Il-Kunsill tal-ICAO huwa korp permanenti tal-ICAO bi sħubija ta' 36 Stat kontraenti eletti mill-Assemblea tal-ICAO għal perjodu ta' tliet snin. Għall-perjodu 2019-2022, hemm seba' Stati Membri tal-UE rrappreżentati fil-Kunsill tal-ICAO.

Il-funzjonijiet obbligatorji tal-Kunsill tal-ICAO, elenkati fl-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, jinkludu l-adozzjoni ta' standards u prattiki rakkomandati (SARPs) internazzjonali, iddeżinjati bħala Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

Wara l-adozzjoni ta' tali miżuri, l-Istati tal-ICAO huma meħtieġa jinnotifikaw jew id-diżapprovazzjoni tagħhom, kwalunkwe differenza jew il-konformità tagħhom mal-miżura qabel ma jidħlu fis-seħħ u jsiru legalment vinkolanti.

Skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, kwalunkwe Stat li jsibha impraktikabbli li jikkonforma fl-aspetti kollha ma' kwalunkwe standard jew proċedura internazzjonali bħal dawn, jew li jġib ir-regolamenti jew il-prattiki tiegħu stess f'konformità sħiħa fir-rigward ta' kwalunkwe standard jew proċedura internazzjonali bħal dawn jew li jqis li huwa meħtieġ li jadotta regolamenti jew prattiki li jvarjaw fi kwalunkwe aspett partikolari minn dawk stabbiliti minn standard internazzjonali, għandu jinnotifika minnufih lill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali dwar id-differenzi bejn il-prattika tiegħu stess u dik stabbilita mill-istandard internazzjonali.

2.3. L-atti adottati matul il-219-il sessjoni tal-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u r-relazzjoni tagħhom mar-regoli eżistenti tal-Unjoni

Matul il-219-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta Emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago kif elenkati fit-Taqsima 1 ta' hawn fuq. L-Ittri lill-Istati tal-ICAO li jinfurmaw lill-Istati Kontraenti tal-ICAO dwar l-adozzjoni tal-Emendi, ifakkru lill-Istati dwar l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago li jinnotifikaw lill-ICAO bi kwalunkwe differenza li tista' tinqala'.

Ħarsa ġenerali tad-diversi Emendi għall-Annessi, kif adottati mill-Kunsill tal-ICAO fil-219-il sessjoni tiegħu jinsabu hawn taħt, b'aktar dettalji mniżżla fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta.

2.3.1. L-Emenda 176 għall-Anness 1 dwar il-Liċenzjar tal-Persunal

L-Emenda 176 għall-Anness 1 tal-ICAO toħroġ mir-rakkomandazzjonijiet żviluppati mit-Task Force ta' Taħriġ u Valutazzjoni bbażati fuq il-Kompetenzi (CBTA-TF) tal-ICAO u s-Segretarjat tal-ICAO, u tikkonċerna l-allinjament mal-Emenda 5 għall-Proċeduri għas-

Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — Taħriġ (PANS-TRG, Dok 9868)/ definizzjonijiet ġodda, taġġorna r-rekwiżiti għall-uffiċjali tal-operazzjonijiet tat-titjir/dispaċers tat-titjiriet, tipprevedi emenda għad-dispożizzjonijiet dwar l-inġenji tal-ajru "powered-lift" u tipposponi l-applikabbiltà tagħhom, u tintroduċi dispożizzjonijiet għall-għalliema tat-taħriġ fuq ix-xogħol tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru.

L-emendi jaffettwaw ir-Regolament (UE) Nru 1178/2011 dwar l-ekwipaġġ tal-ajru[1], ir-Regolament (UE) Nru 1321/2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà[2] u r-Regolament (UE) 2015/340 dwar il-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru[3]. L-emendi huma koperti fis-sustanza mil-leġiżlazzjoni tal-UE. Huma meħtieġa xi bidliet biex jiġi allinjat il-kliem tad-definizzjonijiet, biex jiġu riflessi l-emendi editorjali u rekwiżit dwar is-superviżjoni minn għalliem xieraq tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru. Dan tal-aħħar, kif ukoll it-traspożizzjoni ta' xi definizzjonijiet fir-regoli tal-UE, jeħtieġu l-preżentazzjoni tad-differenzi lill-ICAO għal perjodu limitat ta' żmien. Huwa previst li l-emendi rilevanti għar-regoli tal-UE se jsiru fl-2020 u fl-2021.

2.3.2. L-Emenda 79 għall-Anness 3 dwar is-Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru

Skont l-Emenda 79 tal-Anness 3 tal-ICAO, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2017/373[4] jeħtieġ li jiġi aġġornat.

Il-maġġoranza l-kbira tal-emendi huma meqjusin li għandhom impatt minimu għall-partijiet ikkonċernati tal-UE u se jkunu ta' benefiċċju ġenerali għas-sikurezza u għall-effiċjenza tal-operazzjonijiet. F'għadd ta' każijiet se jkunu meħtieġa aġġornamenti tas-software, u dawn jitqiesu li huma proporzjonati għall-benefiċċji mistennija u li jistgħu jiġu mmaniġġjati. Bħala tali, huwa antiċipat li ħafna mill-emendi se jiġu inkorporati fir-regolamenti tal-UE sat-tielet kwart tal-2021 mingħajr tibdil, wara l-proċeduri rispettivi mibdija mill-EASA. Sakemm jiġu adottati dawk il-bidliet regolatorji, ħafna mill-emendi jridu jiġu nnotifikati bħala differenza.

2.3.3 L-Emenda 61 għall-Anness 4 dwar Ċarts Ajrunawtiċi

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 fil-punt AIS.OR.325 "Ċarts ajrunawtiċi" taħt il-punt (a)(2) u (3) jeħtieġ li fornitur tas-Servizz ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIS) għandu jiżgura li, fost l-oħrajn, iċ-ċart tal-ajrudrom/tal-ħeliport u ċ-ċart tal-moviment fuq l-art tal-ajrudrom, meta jkunu disponibbli, jiffurmaw parti mill-Pubblikazzjoni ta' Informazzjoni Ajrunawtika (AIP) jew jiġu pprovduti b'mod separat lir-riċevituri tal-AIP. Il-qafas regolatorju se jinbidel matul l-2020 biex jakkomoda din l-Emenda.

---

1 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 311, 25.11.2011, p. 1).

2 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol (ĠU L 362, 17.12.2014, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011 (ĠU L 63, 6.3.2015, p. 1).

4 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011, (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

Konsegwentement, ma għandu jkun hemm l-ebda differenza fl-4 ta' Novembru 2021 bejn ir-regolamenti u/jew il-prattiki tal-Unjoni u d-dispożizzjonijiet tal-Anness 4, inklużi l-emendi kollha sal-Emenda 61, inkluża.

2.3.4. L-Emenda 44 għall-Parti I tal-Anness 6 dwar l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru L-operazzjonijiet f'kull tip ta' temp

Sakemm issir l-emenda għar-Regolament (UE) 965/2012 li tirrifletti l-Emenda 44 għall-Parti I tal-Anness 6, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati skont l-Istandard 4.2.8.2 u d-definizzjonijiet. Ta' min jinnota li l-Istati Membri, suppost kienu diġà nnotifikaw differenza fir-rigward tal-Istandard 4.2.8.1.1, peress li r-Regolament (UE) 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operazzjonali għal displejs fil-livell tal-għajnejn (HUDs) u sistemi ta' viżjoni mtejba (EVS)[5].

2.3.4.1. L-armonizzazzjoni tat-termini għall-awtorizzazzjonijiet, l-aċċettazzjoni u l-approvazzjonijiet (AAA)

Din l-emenda teħtieġ l-iffajljar ta' differenza, għalkemm l-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza meta mqabbla mal-Istandards u Prattiki Rakkomandati (SARPs) relatati mal-operazzjonijiet bil-ħin ta' devjazzjoni estiż (EDTO), peress li dan il-kunċett għadu ma ġiex traspost fir-Regolament (UE) Nru 965/2012[6] (minflok jintuża ajruplan b'żewġ magni li jopera fuq medda estiża (ETOPS))[7].

2.3.4.2. Artikolu 83 bis

Il-bidla fl-Anness teħtieġ it-trasport abbord ta' kopja awtentikata ċċertifikata tas-sommarju tal-ftehim konkluż abbażi tal-Artikolu 83 *bis* tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Barra minn hekk, l-Appendiċi 10 l-ġdid tal-Anness 6, il-Parti I jintroduċi forma standardizzata ta' sommarju tal-ftehim. Fih l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa u jipprovdi formola għall-operaturi biex iġorruha għall-użu matul spezzjonijiet fir-rampa jew attivitajiet oħra ta' verifika sabiex jitnaqqas in-nuqqas ta' ftehim meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* ikun applikabbli għall-inġenju tal-ajru li jkun qed jiġi spezzjonat. Dan jeħtieġ ukoll li s-sommarju tal-ftehim jiġi trażmess lill-ICAO meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* jiġi ppreżentat għal reġistrazzjoni.

Skont il-qafas legali stabbilit mir-Regolament (UE) 2018/1139[8] u l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati tiegħu, it-trasferiment tal-funzjonijiet tal-Istat tar-Reġistrazzjoni (SoR) bejn l-Istati Membri tal-UE jitwettaq mis-sistema regolatorja tal-UE b'mod li jissodisfa bis-sħiħ l-objettivi tal-Artikolu 83 *bis* tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Din is-sistema hija applikabbli għal kwalunkwe inġenju tal-ajru fir-reġistru ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE li huwa operat

---

5 Bi tweġiba għall-Emenda 38 tal-Anness 6, il-Parti I kif imħabbra mill-Ittra lill-Istati An 11/1.3.27–14/9

6 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

7 Bi tweġiba għall-Emenda 38 tal-Anness 6, il-Parti I kif imħabbra mill-Ittra lill-Istati An 11/1.3.27–14/9

8 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU l 212, 22.8. 2018, p. 1).

minn operatur li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fi Stat Membru ieħor tal-UE li jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-Istat tal-Operatur.

Huwa meqjus li l-SARPs li għadhom kif ġew adottati se joħolqu piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi biex isolvu kwistjoni (mhux ta' sikurezza) għall-ispetturi tar-rampa. Barra minn hekk, l-ICAO qed temenda r-Regoli għar-Reġistrazzjoni tagħha biex tipprovdi għar-reġistrazzjoni tal-ftehimiet tal-Artikolu 83 *bis* permezz ta' sistema interattiva bbażata fuq l-internet. Jekk sistema bħal din tista' tiġi aċċessata globalment, rekwiżit ta' ġarr tad-dokument abbord l-inġenju tal-ajru huwa saħansitra aktar diskutibbli.

Mhuwiex previst li r-Regolament (UE) Nru 965/2012 jiġi emendat biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-istandard partikolari.

Għalhekk, jenħtieġ li tiġi nnotifikata differenza mill-SARPs il-ġodda tal-ICAO.

2.3.4.3. Sors affidabbli tal-enerġija għal reġistraturi tat-titjira ħfief

Ir-reġistraturi tat-titjira protetti f'każ ta' ħabta (bħal reġistratur tad-*data* tat-titjira (FDR) jew reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR)) huma meħtieġa li jiġu installati b'enerġija elettrika minn sors li jipprovdi affidabbiltà massima għat-tħaddim tagħhom. Ma jeżistux dispożizzjonijiet bħal dawn għal reġistraturi ħfief (bħal sistema ta' reġistrazzjoni awdjo fil-kabina tal-pilota (CARS) jew sistemi ta' reġistrazzjoni tad-*data* tal-inġenju tal-ajru (ADRS)). Ġie introdott Standard ġdid applikabbli għall-ajruplani b'Ċertifikat tal-Ajrunavigabbilità inizjali maħruġ wara l-2016 (Standard 1.6 tal-Anness 6, il-Parti I, Appendiċi 8) għal reġistraturi ħfief biex jiġu konnessi ma' sors tal-enerġija li jiżgura reġistrazzjoni xierqa u affidabbli fl-ambjent operattiv tagħhom.

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 jeħtieġ il-ġarr ta' reġistratur tat-titjira ħafif għal xi kategoriji ta' ajruplani ħfief li jitħaddmu għat-trasport kummerċjali bl-ajru (CAT), jekk l-inġenju tal-ajru kkonċernat jinħariġlu ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà (CofA) għall-ewwel darba fil-5 ta' Settembru 2022 jew wara (irreferi għall-punt CAT.IDE.A.191 tal-Anness IV (il-Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012). Jekk l-Istandard 1.6 il-ġdid tal-Anness 6, il-Parti I, Appendiċi 8 jiġi traspost fir-rekwiżiti tal-UE, dan ikun applikabbli biss għal dawn il-kategoriji ta' ajruplani ħfief sakemm valutazzjoni ulterjuri tat-traspożizzjoni ta' dan l-istandard fir-regoli tal-UE u l-espansjoni tal-firxa tal-applikabbiltà ma jkunux ta' benefiċċju għas-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet. Barra minn hekk, minħabba li l-Istandard il-ġdid jinsab f'Appendiċi tal-Anness 6, il-Parti I, għandha ssir dikjarazzjoni ta' konformità jew ta' differenza fir-rigward tal-Appendiċi fir-rigward tal-Istandard li jippreskrivi l-ġarr ta' reġistratur tat-titjira ħafif u li jirreferi għal dak l-Appendiċi. Għalhekk jenħtieġ li tiġi nnotifikata differenza.

2.3.4.4. Reġistrazzjoni ta' messaġġi ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-data

L-istandard 6.3.3.1.2 tal-Anness 6, il-Parti I, ma ġiex traspost fir-Regolament (UE) Nru 965/2012. L-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza fir-rigward ta' dak l-Istandard[9]. Bl-Emenda 44, id-differenza se tinżamm.

2.3.4.5. Il-lokalizzazzjoni ta' inġenju tal-ajru f'diffikultà

Id-dispożizzjonijiet dwar il-lokalizzazzjoni ta' ajruplan f'diffikultà ġew trasposti fil-punt CAT.GEN.MPA.210 tal-Anness IV (il-Parti-CAT) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, li huwa applikabbli għal xi kategoriji ta' ajruplani li nħarġilhom CofA individwali għall-ewwel

[9] Bi tweġiba għall-Emenda 43 tal-Anness 6, il-Parti I kif imħabbra mill-Ittra lill-Istati An 11/1.3.32–18/12

darba fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara dik id-data. L-emenda għall-Istandard 6.18.1 se tallinja aħjar dan l-Istandard ma' CAT.GEN.MPA.210 applikabbli għall-ajruplani li jkun inħarġilhom CofA individwali għall-ewwel darba fl-1 ta' Jannar 2023 jew wara. Madankollu, id-differenza rreġistrata fir-rigward tal-Istandard 6.18.1 jenħtieġ li tibqa' minħabba li l-kriterji tal-massa massima ċċertifikata waqt il-qtugħ mill-art (MCTOM) u l-konfigurazzjoni massima operattiva tas-sits tal-passiġġieri (MOPSC) huma differenti bejn l-Istandard 6.18.1 u CAT.GEN.MPA.210.

2.3.5. L-Emenda 37 għall-Parti II tal-Anness 6 dwar l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru

2.3.5.1. L-operazzjonijiet f'kull tip ta' temp

Sakemm issir l-emenda għar-Regolament (UE) Nru 965/2012, jenħtieġ li jiġu nnotifikati d-differenzi fir-rigward tad-definizzjonijiet. L-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza meta mqabbla ma' 2.2.2.2.1.1, peress li r-Regolament (UE) Nru 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operattivi għall-HUDs u l-EVS[10].

L-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza meta mqabbla ma' 2.2.2.2.1, peress li fl-Anness VI (il-Parti-NCC) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, ir-regola hija indirizzata lill-operatur, mhux lill-bdot fil-kmand; għall-operazzjonijiet f'viżibilità baxxa (LVO), hija l-awtorità kompetenti kif stabbilita fl-Anness V (il-Parti-SPA) tar-Regolament (UE) Nru 965/2012.

2.3.5.2. Artikolu 83 bis

Il-bidla fl-Anness teħtieġ il-ġarr abbord ta' kopja awtentikata ċċertifikata tas-sommarju tal-ftehim konklużabbażi tal-Artikolu 83 *bis* tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Barra minn hekk, l-Appendiċi 10 l-ġdid tal-Anness 6, il-Parti I jintroduċi forma standardizzata ta' sommarju tal-ftehim. Fih l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa u jipprovdi formola għall-operaturi biex iġorruha għall-użu matul spezzjonijiet fir-rampa jew attivitajiet oħra ta' verifika sabiex jitnaqqas in-nuqqas ta' ftehim meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* ikun applikabbli għall-inġenju tal-ajru li jkun qed jiġi spezzjonat. Dan jeħtieġ ukoll li s-sommarju tal-ftehim jiġi trażmess lill-ICAO meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* jiġi ppreżentat għal reġistrazzjoni.

Skont il-qafas legali stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati tiegħu, it-trasferiment tal-funzjonijiet tal-Istat tar-Reġistrazzjoni (SoR) bejn l-Istati Membri tal-UE jitwettaq mis-sistema regolatorja tal-UE b'mod li jissodisfa bis-sħiħ l-objettivi tal-Artikolu 83 bis tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Din is-sistema hija applikabbli għal kwalunkwe inġenju tal-ajru fir-reġistru ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE li huwa operat minn operatur li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fi Stat Membru ieħor tal-UE li jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-Istat tal-Operatur.

Huwa meqjus li l-SARPs il-ġodda se joħolqu piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi biex isolvu kwistjoni (mhux ta' sikurezza) għall-ispetturi tar-rampa.

Barra minn hekk, l-ICAO qed temenda r-Regoli għar-Reġistrazzjoni tagħha biex tipprovdi għar-reġistrazzjoni tal-ftehimiet tal-Artikolu 83 *bis* permezz ta' sistema interattiva bbażata fuq l-internet. Jekk sistema bħal din tista' tiġi aċċessata globalment, rekwiżit ta' ġarr tad-dokument abbord l-inġenju tal-ajru huwa saħansitra aktar diskutibbli.

Mhuwiex previst li r-Regolament (UE) Nru 965/2012 jiġi emendat biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-istandard partikolari.

Għalhekk, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati fir-rigward tal-SARPs il-ġodda tal-ICAO.

[10] Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna

2.3.6. L-Emenda 23 għall-Parti III tal-Anness 6 dwar l-Operazzjonijiet tal-Inġenji tal-Ajru

2.3.6.1. L-operazzjonijiet f'kull tip ta' temp

Sakemm issir l-emenda tar-Regolament (UE) Nru 965/2012, jenħtieġ li jiġu rreġistrati d-differenzi fir-rigward tal-Istandard 2.2.8.2 u d-definizzjonijiet. L-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza għall-2.2.8.1.1, peress li r-Regolament (UE) Nru 965/2012 attwalment jippermetti biss krediti operattivi għall-HUDs u l-EVS[11].

2.3.6.2. Artikolu 83 bis

Il-bidla fl-Anness teħtieġ il-ġarr abbord ta' kopja awtentikata ċċertifikata tas-sommarju tal-ftehim konkluż abbażi tal-Artikolu 83 *bis* tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Barra minn hekk, l-Appendiċi 10 l-ġdid tal-Anness 6, il-Parti I jintroduċi forma standardizzata ta' sommarju tal-ftehim. Fih l-informazzjoni rilevanti kollha meħtieġa u jipprovdi formola għall-operaturi biex iġorruha għall-użu matul spezzjonijiet fir-rampa jew attivitajiet oħra ta' verifika sabiex jitnaqqas in-nuqqas ta' ftehim meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* ikun applikabbli għall-inġenju tal-ajru li jkun qed jiġi spezzjonat. Dan jeħtieġ ukoll li s-sommarju tal-ftehim jiġi trażmess lill-ICAO meta ftehim skont l-Artikolu 83 *bis* jiġi ppreżentat għal reġistrazzjoni.

Skont il-qafas legali stabbilit bir-Regolament (UE) 2018/1139 u l-atti ta' implimentazzjoni u l-atti delegati tiegħu, it-trasferiment tal-funzjonijiet tal-Istat tar-Reġistrazzjoni (SoR) bejn l-Istati Membri tal-UE jitwettaq mis-sistema regolatorja tal-UE b'mod li jissodisfa bis-sħiħ l-objettivi tal-Artikolu 83 bis tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Din is-sistema hija applikabbli għal kwalunkwe inġenju tal-ajru fir-reġistru ta' kwalunkwe Stat Membru tal-UE li huwa operat minn operatur li jkollu l-post prinċipali tan-negozju tiegħu fi Stat Membru ieħor tal-UE li jissodisfa r-responsabbiltajiet tal-Istat tal-Operatur.

Huwa meqjus li l-SARPs li għadhom kif ġew adottati se joħolqu piż amministrattiv addizzjonali għall-operaturi biex isolvu kwistjoni (mhux ta' sikurezza) għall-ispetturi tar-rampa.

Barra minn hekk, l-ICAO qed temenda r-Regoli għar-Reġistrazzjoni tagħha biex tipprovdi għar-reġistrazzjoni tal-ftehimiet tal-Artikolu 83 *bis* permezz ta' sistema interattiva bbażata fuq l-internet. Jekk sistema bħal din tista' tiġi aċċessata globalment, rekwiżit ta' ġarr tad-dokument abbord l-inġenju tal-ajru huwa saħansitra aktar diskutibbli.

F'dan l-istadju, mhuwiex previst li tiġi proposta xi emenda għar-Regolament (UE) Nru 965/2012 biex tiġi żgurata l-konformità ma' dan l-istandard partikolari.

Għalhekk, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati fir-rigward tal-SARPs il-ġodda tal-ICAO.

2.3.6.3. Reġistraturi tat-titjira

Ir-reġistraturi tat-titjira protetti f'każ ta' ħabta (bħal FDR jew CVR) huma meħtieġa li jiġu installati b'enerġija elettrika minn sors li jipprovdi affidabbiltà massima għat-tħaddim tagħhom. Ma jeżistux dispożizzjonijiet bħal dawn għal reġistraturi ħfief (bħal CARS jew ADRS). Ġie introdott Standard ġdid (Standard 1.6 tal-Anness 6, il-Parti III, Appendiċi 4) għal reġistraturi ħfief biex jiġu konnessi ma' sors tal-enerġija li jiżgura reġistrazzjoni xierqa u affidabbli fl-ambjent operattiv tagħhom.

Ir-Regolament (UE) Nru 965/2012 jeħtieġ il-ġarr ta' reġistratur tat-titjira ħafif għal xi kategoriji ta' ħelikopters ħfief li jintużaw għal operazzjonijiet CAT, jekk l-inġenju tal-ajru kkonċernat jinħariġlu ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali għall-ewwel darba fil-5 ta' Settembru 2022 jew wara (irreferi għal CAT.IDE.H.191 tal-Anness IV (il-Parti-CAT)

[11] Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

tar-Regolament (UE) Nru 965/2012). Jekk l-Istandard 1.6 tal-Anness 6, il-Parti III, Appendiċi 4 jiġi traspost fir-rekwiżiti tal-UE, dan ikun applikabbli biss għal dawn il-kategoriji ta' ħelikopters ħfief sakemm valutazzjoni ulterjuri tat-traspożizzjoni ta' dan l-istandard fir-regoli tal-UE u l-espansjoni tal-firxa tal-applikabbiltà ma jkunux ta' benefiċċju għas-sikurezza u l-effiċjenza tal-operazzjonijiet. Barra minn hekk, minħabba li l-Istandard il-ġdid jinsab f'Appendiċi tal-Anness 6, il-Parti III, jenħtieġ li ssir dikjarazzjoni ta' konformità jew ta' differenza fir-rigward tal-Appendiċi skont l-Istandard li jippreskrivi l-ġarr ta' reġistratur tat-titjira ħafif u li jirreferi għal dak l-appendiċi. L-istandard 4.3.1.1.4 jippreskrivi l-ġarr ta' reġistratur tat-titjira għal ħelikopters b'MCTOM ta' inqas minn 3 175 kg, u dan ir-reġistratur jista' jkun ADRS.

Ma hemm ebda rekwiżit ta' ġarr fl-Anness 6, il-Parti III. Għalhekk jenħtieġ li tiġi nnotifikata differenza fir-rigward tal-Istandard 4.3.1.2.4, biex jiġi speċifikat li f'każ li jintuża ADRS, bħalissa ma hemm l-ebda rekwiżit tal-UE li jindirizza l-affidabbiltà tas-sors tal-enerġija tiegħu.

2.3.6.4. Reġistrazzjoni ta' messaġġi ta' komunikazzjoni b'kollegament tad-data

L-istandards 4.3.3.1.2 u 4.7.3.1.1.1 tal-Anness 6 il-Parti III ma ġewx trasposti fir-Regolament (UE) Nru 965/2012. L-Istati Membri suppost kienu diġà rreġistraw differenza fir-rigward ta' dak l-Istandard[12]. Bl-emenda 23, id-differenza se tinżamm.

2.3.7. L-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum I dwar it-Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi

L-Anness 10 tal-ICAO, Volum I, sal-Emenda 89, inkluża, huwa msemmi fis-CNS.TR.100 tas-Subparti B tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/373, "Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-forniturі ta' servizzi tat-traffiku tal-ajru". Din id-dispożizzjoni hija maħsuba li tinbidel biex tinkludi l-emendi sal-Emenda 92, inkluża, proposti fl-Ittra lill-Istati 20/20 tal-ICAO fis-CS.TR.100 imsemmi qabel. Minn issa 'l quddiem, għal dispożizzjonijiet affettwati mill-Emendi sal-emenda 92, inkluża, id-differenzijenħtieġ li jiġu nnotifikati.

2.3.8. L-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum II dwar it-Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi

Din hija emenda konsegwenzjali li tirriżulta mill-Emenda 79 għall-Anness 3 (Servizz Meteoroloġiku għan-Navigazzjoni Internazzjonali bl-Ajru) li taffettwa s-servizz ajrunawtiku fiss (AFS).

L-Anness 10 tal-ICAO, Volum II, sal-Emenda 89, inkluża, huwa msemmi fis-CNS.TR.100 tas-Subparti B tal-Anness VIII tar-Regolament (UE) 2017/373, "Metodi ta' ħidma u proċeduri operazzjonali għall-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjoni, navigazzjoni jew sorveljanza". Din id-dispożizzjoni hija maħsuba biex tinbidel sabiex tinkludi l-emendi sal-Emenda 92, inkluża, proposti fl-Ittra lill-Istati 20/21 tal-ICAO fis-CS.TR.100 imsemmi qabel. Għalhekk, id-differenzi fir-rigward tal-SARPs emendati jenħtieġ li jiġu nnotifikati.

2.3.9. L-Emenda 56 għall-Anness 11 dwar is-Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru

Fir-rigward tal-koordinazzjoni tal-attivitajiet potenzjalment perikoluż għall-inġenji tal-ajru ċivili, kif diġà previst fil-punt 2.19.1 tal-Kapitolu 2 tal-Anness 11, ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2020/469[13] introduċa l-Artikolu 3c tar-Regolament

[12] Ara n-nota 9 f'qiegħ il-paġna.

[13] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469 tal-14 ta' Frar 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012, ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 u r-Regolament (UE) 2017/373 fir-rigward tar-rekwiżiti għas-servizzi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tan-navigazzjoni tal-ajru, id-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-kwalità tad-*data* u s-sikurezza tar-runways u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 73/2010 (ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1).

(UE) 2017/373 li jistabbilixxi rekwiżiti korrispondenti li se jsiru applikabbli mis-27 ta' Jannar 2022. Ir-rekwiżiti addizzjonali introdotti mill-Emenda 52 tal-Kapitolu 2 dwar il-valutazzjoni tar-riskju għas-sikurezza huma mistennija li jiġu indirizzati fi żmien debitu. Sakemm jiġi adottat ir-Regolament korrispondenti, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati.

L-istandards li għadhom kif ġew adottati tal-Kapitolu 3 tal-Anness 11 dwar ir-rekwiżit għas-sewwieqa ta' vetturi operattivi biex jaqraw lura partijiet tal-istruzzjonijiet relatati mas-sikurezza li huma trażmessi bil-vuċi, diġà huma indirizzati fl-emenda proposta għar-Regolament (UE) Nru 139/2014[14], li hija mistennija li tiġi ppubblikata sa tmiem l-2020. Sabiex dan ir-regolament jiġi allinjat mar-Regolament (UE) Nru 923/2012 (Regoli Ewropej Standardizzati tal-Ajru (SERA)), dawn ir-rekwiżiti, kif ukoll ir-rekwiżit li l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru jisma' l-qari lura, għandhom jiġu indirizzati fi żmien debitu. Il-paragrafu (e) tas-SERA.8015 "Awtorizzazzjonijiet tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru" tar-Regolament (UE) Nru 923/2012 fih ir-rekwiżiti dwar il-qari lura tal-awtorizzazzjonijiet u tal-informazzjoni relatata mas-sikurezza, u prinċipalment iqis il-komunikazzjoni bejn l-ekwipaġġ tat-titjira u l-kontrollur tat-traffiku tal-ajru. L-emenda ta' dan il-punt tas-SERA tippermetti l-konformità mal-Emenda 52 tal-Anness 11 sal-2023.

Sakemm jiġi adottat ir-Regolament korrispondenti, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati.

2.3.10. L-Emenda 15 għall-Anness 14, Volum I dwar l-Ajrudromi

L-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 3, 5 u 9 jeħtieġu l-emenda ta' ċerti speċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-EASA, li huma ppjanati li jiġu adottati fit-Q3/2021. Sakemm jiġu adottati, ikun meħtieġ li jiġu ppreżentati d-differenzi għal dawn il-kapitoli. Għalhekk, id-differenzi jenħtieġ li jiġu nnotifikati fir-rigward tal-SARPs emendati.

2.3.11. L-Emenda 9 għall-Anness 14, Volum II dwar l-Ajrudromi

L-analiżi tal-bidliet introdotti fl-Anness 14, Volum II tindika li t-traspożizzjoni tagħhom tkun teħtieġ emendi li huma fil-biċċa l-kbira relatati mal-ispeċifikazzjonijiet taċ-ċertifikazzjoni tad-disinn tal-ħeliport. Emendi futuri bħal dawn jindirizzaw il-bidliet introdotti fil-Kapitoli 1, 3, 4 u 5 tal-Anness 14, Volum II. Madankollu, f'xi każijiet, mhuwiex meqjus xieraq li jiġu emendati l-ispeċifikazzjonijiet attwali (eż. speċifikazzjonijiet għas-sistemi tad-dawl tal-ħeliport), kif diġà indikat fir-rakkomandazzjoni għall-Ittra lill-Istati A4/1.1.58–18/97 tal-ICAO.

F'każijiet oħra, l-emendi għad-dispożizzjonijiet tal-Anness 14, Volum II (fil-Kapitoli 2 u 6) ikunu jeħtieġu l-emenda tal-qafas regolatorju introdott mir-Regolament 139/2014 innifsu.

Għalhekk, id-differenzi rilevanti jenħtieġ li jiġu nnotifikati sakemm titwettaq l-emenda tad-dispożizzjonijiet regolatorji rilevanti tal-UE.

2.3.12. L-Emenda 41 għall-Anness 15 dwar is-Servizzi ta' Informazzjoni Ajrunawtika

L-emendi għandhom l-għan li jtejbu l-informazzjoni dwar l-attivitajiet perikoluż għall-avjazzjoni ċivili promulgati permezz ta' Avviż lill-Avjaturi (NOTAM), li jindirizza l-każ speċifiku taż-żoni ta' kunflitt.

Ir-Regolament (UE) 2017/373, kif emendat bir-Regolament (UE) 2020/469, jinkludi l-aħħar SARPs tal-Anness 15 tal-ICAO u l-Proċeduri għas-Servizzi tan-Navigazzjoni bl-Ajru — Dispożizzjonijiet tal-Ġestjoni tal-Informazzjoni Ajrunawtika (PANS-AIM) fl-Anness VI (il-Parti-AIS). Madankollu, hemm bżonn li tiġi nnotifikata differenza minħabba li l-emendi

[14] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

adottati mill-ICAO għadhom mhumiex inklużi fl-Anness VI (il-Parti-AIS) tar-Regolament (UE) 2017/373.

2.3.13. L-Emenda 13 għall-Anness 16, Volum I dwar il-Protezzjoni Ambjentali

L-emenda applikabbli tal-Anness 16 hija prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139 u għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' April 2022.

Madankollu, skont l-Ittra lill-Istati 20/28 tal-ICAO, id-data tal-applikabbiltà tal-Emenda 13 għall-Anness 16, Volum I hija l-1 ta' Jannar 2021.

Se tibqa' teżisti differenza sal-31 ta' Marzu 2022 bejn ir-regolamenti u/jew il-prattiki tal-UE u d-dispożizzjonijiet tal-Anness 16, Volum I, inkluż l-emendi kollha sal-Emenda 13, inkluża. Għalhekk jenħtieġ li tiġi nnotifikata differenza li se tibqa' teżisti sal-31 ta' Marzu 2022.

2.3.14. L-Emenda 10 għall-Anness 16, Volum II dwar il-Protezzjoni Ambjentali

L-emenda applikabbli għall-Anness 16, Volum II hija prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

Skont l-Ittra lill-Istati 20/29 tal-ICAO, id-data tal-applikabbiltà tal-Emenda 10 għall-Anness 16, Volum II hija l-1 ta' Jannar 2021. Hija prevista l-emenda rilevanti permezz tal-proċess rispettiv tal-EASA. Madankollu, sal-31 ta' Marzu 2022 se tibqa' teżisti differenza bejn ir-regolamenti u/jew il-prattiki tal-UE u d-dispożizzjonijiet tal-Anness 16, Volum II, inkluż l-emendi kollha sal-Emenda 10, inkluża. Għalhekk jenħtieġ li tiġi nnotifikata differenza.

2.3.15. L-Emenda 1 għall-Anness 16, Volum III dwar il-Protezzjoni Ambjentali

Skont l-Ittra lill-Istati 20/30 tal-ICAO, id-data tal-applikabbiltà tal-Emenda 1 għall-Anness 16, Volum III hija l-1 ta' Jannar 2021. L-emenda korrispondenti tal-Anness 16, Volum III hija prevista fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

Madankollu, sal-1 ta' April 2022 se tibqa' teżisti differenza bejn ir-regolamenti u/jew il-prattiki tal-UE u d-dispożizzjonijiet tal-Anness 16, Volum III, inklużi l-emendi kollha sa l-Emenda 13, inkluża.

2.4. L-adozzjoni prevista tal-Emendi 46 u 39 tal-Anness 6, il-Partijiet I u II mill-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19

L-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19 se jitressqu għall-adozzjoni fil-221 laqgħa tal-Kunsill tal-ICAO.

L-għan ta' dawn l-Emendi għall-Anness 6 – *It-tħaddim ta' Inġenji tal-Ajru, Parti I – Trasport Kummerċjali Internazzjonali bl-Ajru – Ajruplani u Parti II – Avjazzjoni Ġenerali Internazzjonali – Ajruplani* tal-Konvenzjoni ta' Chicago – huwa li l-obbligu l-ġdid ta' reġistrazzjoni ta' ħamsa u għoxrin siegħa ta' reġistrazzjoni tar-reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) jiġi pospost għall-1 ta' Jannar 2022 meta l-Emendi previsti għandhom isiru legalment vinkolanti fuq il-partijiet għall-Konvenzjoni ta' Chicago.

Id-data tal-ekwipaġġ għas-CVR ġiet stabbilita għall-1 ta' Jannar 2021. Il-pandemija tal-COVID-19 ġiet iddikjarata fil-bidu tal-2020 u minn dak iż-żmien ikkawżat tfixkil sinifikanti

fil-manifattura tal-inġenji tal-ajru u fil-ktajjen tal-provvista għall-manifatturi tal-inġenji tal-ajru.

3. IL-POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

3.1. Dokumenti li għandhom jiġu nnotifikati

Il-219-il sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO li saret bejn it-2 u l-20 ta' Marzu 2020 adottat għadd ta' Emendi għal diversi Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago, fl-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent u n-navigazzjoni bl-ajru.

Għal kull Anness tal-ICAO, l-Anness tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill jirreferi għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. L-Emendi kollha msemmija jaqgħu taħt l-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u għalhekk jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Anness tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill juri fid-dettall id-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati lill-ICAO. Il-lista ta' hawn taħt tidentifika l-ħtieġa li jiġu nnotifikati d-differenzi lill-ICAO għal kull Anness:

– Ittra lill-Istati 20/19 għall-Adozzjoni tal-Emenda 176 għall-Anness 1 – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/16 għall-Adozzjoni tal-Emenda 79 għall-Anness 3 – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/18 għall-Adozzjoni tal-Emenda 44 għall-Anness 6, il-Parti I – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/31 għall-Adozzjoni tal-Emenda 37 għall-Anness 6, il-Parti II – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/32 għall-Adozzjoni tal-Emenda 23 għall-Anness 6, il-Parti III – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/20 għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum I – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/21 għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum II – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/39 għall-Adozzjoni tal-Emenda 52 għall-Anness 11 – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/35 għall-Adozzjoni tal-Emenda 15 għall-Anness 14, Volum I – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/22 għall-Adozzjoni tal-Emenda 9 għall-Anness 14, Volum II – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

– Ittra lill-Istati 20/24 għall-Adozzjoni tal-Emenda 41 għall-Anness 15 – differenzi li għandhom jiġu nnotifikati

F'dan il-kuntest, b'kont meħud tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni, il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni hija li d-differenzi jiġu nnotifikati, f'konformità mal-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, kif stabbilit fl-Anness tal-proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill.

3.2. L-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II

Il-bidla ewlenija li għandha tiġi introdotta mill-proposta għall-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II tar-regoli eżistenti tal-Unjoni hija l-posponiment tad-data ta'

implimentazzjoni tar-regola l-ġdida dwar l-ekwipaġġ ta' ħamsa u għoxrin siegħa, oriġinarjament prevista għall-1 ta' Jannar 2021, għall-1 ta' Jannar 2022.

Minħabba l-pandemija tal-COVID, l-implimentazzjoni tar-regola l-ġdida tal-ekwipaġġ ta' ħamsa u għoxrin siegħa, oriġinarjament prevista għall-1 ta' Jannar 2021, mhijiex realistika anke fil-livell tal-Unjoni. Il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tadotta posponiment ta' dik id-data fil-livell tal-Unjoni, permezz ta' emendi għar-Regolament rilevanti tal-Kummissjoni.[15] Għalhekk, jenħtieġ li jiġi appoġġat id-differiment propost mill-ICAO. Barra minn hekk, ladarba l-ICAO tħabbar l-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II f'Ittra lill-Istati li tistieden lill-Istati Membri jew jinnotifikaw id-diżapprovazzjoni tagħha, jinnotifikaw kwalunkwe differenza jew il-konformità tagħha mal-miżura adottata, il-pożizzjoni tal-Unjoni għandha tkun li tiġi nnotifikata dik il-konformità.

4. BAŻI ĠURIDIKA

4.1. Bażi ġuridika proċedurali

4.1.1. Prinċipji

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*il-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*."

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tas-sede jew parti għall-ftehim[16].

Il-kunċett ta' "*atti li jkollhom effetti legali*" jinkludi atti li jkollhom effetti ġuridiċi skont ir-regoli tad-dritt internazzjonali li jirregola l-korp ikkonċernat. Dan jinkludi wkoll l-istrumenti li ma għandhomx effett vinkolanti skont id-dritt internazzjonali, iżda li "*kapaċi jinfluwenzaw b'mod determinanti l-kontenut tal-leġiżlazzjoni adottata mil-leġiżlatura tal-Unjoni*"[17].

4.1.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

Il-Kunsill tal-ICAO huwa korp stabbilit permezz ta' ftehim, jiġifieri l-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("Il-Konvenzjoni ta' Chicago").

Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO jadotta Standards u Prattiki Rakkomandati internazzjonali, iddeżinjati bħala Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago. Dawn huma atti li għandhom effetti legali. Ċerti effetti legali ta' dawn l-atti jistgħu jiddependu fuq is-sottomissjoni ta' notifika ta' differenzi, u fuq it-termini ta' dawk in-notifiki. Għalhekk, l-adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward ta' notifiki bħal dawn taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

15 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1). Ara r-Regola dwar l-Operazzjonijiet bl-Ajru, il-punti CAT.IDE.A.185 (c)(1) u NCC.IDE.A.160 (b)(1).

16 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafu 64.

17 Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258, il-paragrafi 61 sa 64.

Id-differenzi li jridu jiġu nnotifikati bi tweġiba għall-ittri lill-Istati tal-ICAO kif elenkati hawn fuq għandhom inċidenza fuq l-effetti legali użati mill-istandards stabbiliti skont il-Konvenzjoni ta' Chicago.

Dawk l-effetti legali jaqgħu f'qasam kopert mir-regoli tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2018/1139, ir-Regolament (UE) 2017/373, ir-Regolament (UE) 965/2012, ir-Regolament (UE) 2020/469 u r-Regolament (UE) 139/2014. Dan ifisser li, skont l-Artikolu 3(2) tat-TFUE, l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva f'din il-kwistjoni.

L-atti adottati ma jissupplimentawx jew ma jemendawx il-qafas istituzzjonali tal-ftehim.

Għalhekk, il-bażi ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

4.2. Bażi ġuridika sostantiva

4.2.1. Prinċipji

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-għan u fuq il-kontenut tal-att adottat li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att adottat ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawn l-għanijiet jew il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċiment inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tkun imsejsa fuq bażi ġuridika sostantiva waħda, jiġifieri dik rikjesta mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

4.2.2. Applikazzjoni għall-każ preżenti

L-għan ewlieni u l-kontenut tal-att adottat jirrelataw mal-politika komuni tat-trasport.

Għalhekk, il-bażi ġuridika sostantiva għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE.

4.3. Konklużjoni

Il-bażi ġuridika tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta hija l-Artikolu 100(2) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE

2020/0290 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tan-notifika tad-differenzi għall-Annessi 1, 3, 4, 6, il-Partijiet I, II u III, 10, Volumi I u II, 11, 14, Volumi I u II, 15 u 16, Volumi I, II u III, tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali u fil-Kunsill tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali fir-rigward tal-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II, ta' dik il-Konvenzjoni, relatati mad-differiment tar-rekwiżit futur għall-ekwipaġġ ta' reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota (CVR) ta' ħamsa u għoxrin siegħa sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati minħabba l-kontinġenza tal-COVID-19

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100(2), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Din il-Konvenzjoni stabbilixxiet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

(2) L-Istati Membri huma Stati Kontraenti għall-Konvenzjoni ta' Chicago u membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċerti korpi tal-ICAO. Hemm seba' Stati Membri rrappreżentati fil-Kunsill tal-ICAO.

(3) Skont l-Artikolu 54 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, il-Kunsill tal-ICAO jista' jadotta Standards u Prattiki Rakkomandati ("SARPs") internazzjonali.

(4) Skont l-Artikolu 38 tal-Konvenzjoni ta' Chicago, kwalunkwe Stat li jsibha imprattikabbli biex jikkonforma fl-aspetti kollha ma' kwalunkwe standard jew proċedura internazzjonali bħal dawn, jew biex iġib ir-regolamenti jew il-prattiki tiegħu stess f'konformità sħiħa ma' kwalunkwe standard jew proċedura internazzjonali bħal dawn jew li jqis li jkun meħtieġ li jadotta regolamenti jew prattiki li jvarjaw fi kwalunkwe aspett partikolari minn dawk stabbiliti minn standard internazzjonali, għandu jinnotifika immedjatament lill-ICAO dwar id-differenzi bejn il-prattika tiegħu stess u dik stabbilita mill-istandard internazzjonali.

(5) Matul il-219-il sessjoni tiegħu, li saret bejn it-2 u l-20 ta' Marzu 2020, il-Kunsill tal-ICAO adotta Emendi għall-Annessi 1, 3, 4, 6 (il-Parti I, II u III), 10 (Volum I u II), 11, 14 (Volum I u II), 15, u 16 (Volum I, II u III) tal-Konvenzjoni ta' Chicago, fl-oqsma tas-sikurezza, l-ambjent u n-navigazzjoni bl-ajru. L-ittri lill-Istati korrispondenti tal-ICAO li jinfurmaw lill-Istati Kontraenti tal-ICAO dwar l-adozzjoni tal-Emendi jfakkru lill-Istati dwar l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 38 tal-

Konvenzjoni ta’ Chicago li jinnotifikaw lill-ICAO bi kwalunkwe differenza li tista’ tinqala’.

(6) L-emendi kollha adottati mill-Kunsill tal-ICAO jaqgħu taħt l-oqsma koperti mid-dritt tal-Unjoni u għalhekk jaqgħu taħt il-kompetenza esterna esklużiva tal-Unjoni. Tabilħaqq, l-SARPs il-ġodda huma kapaċi jinfluwenzaw b’mod deċiżiv il-kontenut tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri r-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

(7) [1], Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373[2], ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 965/2012[3], ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469[4] u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 139/2014[5].

(8) Diversi Emendi għall-Annessi tal-Konvenzjoni ta' Chicago diġà huma parti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kollha filwaqt li oħrajn jinsabu fil-proċess li jiġu introdotti fir-regoli tal-Unjoni.

(9) Għal kull Anness emendat tal-Konvenzjoni ta' Chicago, l-Anness ta' din id-Deċiżjoni jirreferi għal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni. Barra minn hekk, l-Anness ta' din id-Deċiżjoni juri fid-dettall id-differenzi li għandhom jiġu nnotifikati lill-ICAO.

(10) Għalhekk huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni bi tweġiba għall-ittri lill-Istati tal-ICAO, jiġifieri li tiġi nnotifikata l-konformità, li jiġu nnotifikati d-differenzi jew in-nuqqas ta' qbil ma' SARPs ġodda adottati fil-219-il sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO fir-rigward tal-Annessi 1, 3, 4, 6, 1, 10, 11, 14, 15, u 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago.

(11) Il-pandemija globali tal-COVID-19 kellha impatt negattiv fuq l-operaturi tal-inġenji tal-ajru, il-manifatturi tal-inġenji tal-ajru u l-fornituri sekondarji għall-manifatturi tat-tagħmir u dewmet l-iżvilupp ta' sistemi ġodda. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru qed jikkanċellaw jew jiddifferixxu l-konsenji tal-inġenji tal-ajru, bir-riżultat li l-inġenji tal-ajru maħsuba għall-konsenja fl-2020 jiġu differiti għall-2021. Inġenju tal-ajru mmanifatturat ġdid ikkonfigurat għal kunsinna fl-2020, li ġiet ittardjata sal-2021, jeħtieġ rikonfigurazzjoni għad-dispożizzjonijiet applikabbli wara l-1 ta' Jannar 2021. L-operaturi tal-inġenji tal-ajru u l-manifatturi tal-inġenji tal-ajru jiffaċċjaw piż finanzjarju mhux dovut jekk ikun meħtieġ li dawk l-inġenji tal-ajru ssirilhom modifika retroattiva. Għalhekk, il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tadotta posponiment ta' dik id-data fil-livell tal-Unjoni, permezz ta' emendi għar-Regolament (UE) Nru 965/2012. Ir-reġistratur tal-vuċi fil-kabina tal-pilota ("CVR") jintuża b'appoġġ għall-investigazzjoni tal-aċċidenti u tal-inċidenti. Id-dewmien fl-implimentazzjoni tad-durata tas-CVR minn sagħtejn sa ħamsa u għoxrin siegħa ma joħloq l-ebda riskju sinifikanti għas-sikurezza, filwaqt li jallinja l-benefiċċju tas-sikurezza ta'

---

1 Ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 (ĠU L 212, 22.8. 2018, p. 1).

2 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/373 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-forniturі ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011 (ĠU L 62, 8.3.2017, p. 1).

3 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 296, 25.10.2012, p. 1).

4 Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/469 tal-14 ta' Frar 2020 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 923/2012, ir-Regolament (UE) Nru 139/2014 u r-Regolament (UE) 2017/373 fir-rigward tar-rekwiżiti għas-servizzi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tan-navigazzjoni tal-ajru, id-disinn tal-istrutturi tal-ispazju tal-ajru, il-kwalità tad-*data* u s-sikurezza tar-runways u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 73/2010 (ĠU L 104, 3.4.2020, p. 1).

5 Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 44, 14.2.2014, p. 1).

reġistrazzjoni tal-vuċi fil-kabina tal-pilota li tkun itwal, mar-realtajiet attwali li qed tiffaċċja l-industrija tal-avjazzjoni. L-Unjoni hija sostenitriċi qawwija tal-isforzi tal-ICAO biex ittejjeb is-sikurezza tal-avjazzjoni. Madankollu, meta titqies is-sitwazzjoni mingħajr preċedent ikkawżata mill-pandemija tal-COVID-19 u n-nuqqas ta' riskju sinifikanti għas-sikurezza, jenħtieġ li l-Unjoni, għalhekk, tappoġġa dawk l-Emendi.

(12) Il-pożizzjoni tal-Unjoni matul il-221 sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO fir-rigward tal-Emendi 46 u 39 previsti għall-Anness 6, il-Partijiet I u II, jenħtieġ li tkun ta' appoġġ għal dawn l-emendi, u għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt f'isem l-Unjoni.

(13) Il-pożizzjoni tal-Unjoni wara l-adozzjoni tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II, mill-Kunsill tal-ICAO, li għandha titħabbar mis-Segretarju Ġenerali tal-ICAO permezz ta' proċedura ta' Ittra lill-Istati tal-ICAO, jenħtieġ li tkun li tiġi nnotifikata l-konformità ma' dawk l-Emendi u għandha tiġi espressa mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li trid tittieħed f'isem l-Unjoni bi tweġiba għall-:

– Ittra lill-Istati 20/19 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 176 għall-Anness 1,

– Ittra lill-Istati 20/16 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 79 għall-Anness 3,

– Ittra lill-Istati 20/23 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 61 għall-Anness 4,

– Ittra lill-Istati 20/18 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 44 għall-Anness 6, il-Parti I,

– Ittra lill-Istati 20/31 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 37 għall-Anness 6, il-Parti II,

– Ittra lill-Istati 20/32 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 23 għall-Anness 6, il-Parti III,

– Ittra lill-Istati 20/20 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum I,

– Ittra lill-Istati 20/21 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 92 għall-Anness 10, Volum II,

– Ittra lill-Istati 20/39 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 52 għall-Anness 11,

– Ittra lill-Istati 20/35 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 15 għall-Anness 14, Volum I,

– Ittra lill-Istati 20/22 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 9 għall-Anness 14, Volum II,

– Ittra lill-Istati 20/24 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 41 għall-Anness 15,

– Ittra lill-Istati 20/28 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 13 għall-Anness 16, Volum I,

– Ittra lill-Istati 20/29 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 10 għall-Anness 16, Volum II,

– Ittra lill-Istati 20/30 tal-ICAO, għall-Adozzjoni tal-Emenda 1 għall-Anness 16, Volum III,

iddikjarata mill-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO), hija stabbilita fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

(1) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-221 sessjoni tal-Kunsill tal-ICAO għandha tkun li ta' appoġġ għall-Emendi 46 u 39 proposti għall-Anness 6, il-Partijiet I u II tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni ta' Chicago") fl-intier tagħhom.

(2) Il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni wara l-adozzjoni mill-Kunsill tal-ICAO tal-Emendi 46 u 39 għall-Anness 6, il-Partijiet I u II tal-Konvenzjoni ta' Chicago għandha tkun li l-konformità mal-miżura adottata tiġi nnotifikata bi tweġiba għall-ittra lill-Istati rispettiva tal-ICAO.

Artikolu 3

(1) Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 1 u fl-Artikolu 2(2) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri kollha tal-Unjoni.

(2) Il-pożizzjoni msemmija fl-Artikolu 2(1) għandha tiġi espressa mill-Istati Membri tal-Unjoni li huma membri tal-Kunsill tal-ICAO, li jaġixxu b'mod konġunt.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President